# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 402/23 GG**

**Guillamier Anthony**

**Vs.**

**Abdessamad Ibnass**

Illum 31 t'Ottubru 2023

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Ibnass Abdessamad (K.I 129203L) ippreżentat quddiem din il-Qorti fit-22 ta' Marzu, 2023 lli bih talab is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni u/jew l-elevazzjoni ta' l-oggetti mertu ta' Mandat ta' Qbid u s-sospensjoni tas-subbasta fir-rigward tal-istess oggetti bis-segwenti premessi:

> Illi nhar il-21 ta' Marzu 2022, gie intavolat Mandat ta' Qbid Ezekuttiv fil-konfront ta' l-esponenti;
>
> Illi l-ezekuzzjoni tal-Mandat sar fil-14 ta' Frar 2023 b'dan pero' illi bi ftehim bejn l-Avukati tal-partijiet, ma saritx l-elevazzjoni ta' l-oggetti dak in-nhar u dan wara li gie spjegat verbalment illi l-oggetti misjuba gewwa l-indirizz indikat, li tikkostitwixxi ir-residenza ta' l-esponent u il-familja tieghu, huma propjeta' ta' martu, Irina Gres.

Illi nonostante dan, l-esponent ghandu x'jifhem illi Anthony Guillaumier ghad ghandu intenzjoni illi jeleva l-oggetti sabiex eventwalment jinbieghu b'irkant.

Illi jigi sottolineat illi kif ben maghruf mill-Ezekuant, l-esponent u martu ghazlu ir-regime tas-Separazzjoni tal-beni qabel ma zzewgu. Fil-fatt qed tigi ezebita kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-beni bejn il-partijiet Dok. IA1. Dan sar proprju ghaliex (i) l-esponent kien fin-negozju u martu, li hija mara tal-familja u ghandha attivita' taghha ta' Child Education Centre, ma xtaqitx illi qatt tkun involuta f'negozju illi dwaru ma taf xejn u li fih qatt ma riedet tkun involuta u (ii) peress illi mart l-esponent hija ta' nazzjonalita' barranija u ma ghandhiex familja gewwa Malta, giet moghtija parir legali qabel ma zzewget, illi f'kaz ta' problemi bejn il-partijiet fil-futur, ikun hemm inqas kumplessitajiet legali bejn il-partijiet.

Illi il-partijiet izzewgu nhar il-5 ta' Lulju 2014.

Illi il-partijiet ghandhom tlett itfal li llum ghadhom ilkoll minorenni.

Illi stante is-sitwazzjoni finanzjarja ta' l-esponent u is-sitwazzjoni personali bejn l-esponent u martu, il-partijiet ghazlu illi jikru residenza ossia id-dar matrimonjali u mart l-esponent ghazlet ukoll illi hija tixtri minn butha u minn flusha, bl-ghajnuna tal-genituri dak iz-zmien, l-ghamara u l-oggetti gewwa d-dar b'dan illi jekk ikun hemm divergenza jew problemi bejn il-partijiet fil-futur, hija tkun tista tkompli tghix gewwa r-residenza flimkien ma' uliedha, minghajr kumplikazzjonijiet ta' qsim. Kopja tal-ktib tal-kera qed tigi ezbita u mmarkata Dok. IA2.

Illi l-ghamara u l-oggetti gewwa d-dar matrimonjali huma bazici hafna u ta' kwalita' bazika, u dan kif jirrizulta mill-annessi kopji ta' rcevuti u transazzjonijiet, dokumenti ezebiti u mmarkati Dok. IA3. Dawn id-dokumenti juru:

i. Il-prezz ta' l-oggetti meta mixtrija u
ii. Il-fatt illi dawn thallsu kollha minn Irina personalment minghajr ebda involvement ta' zewgha

Illi hekk ukoll, jigi sottolineat illi fl-eventwalita' illi l-ghamara u l-oggetti indikati fil-Mandat ta' Qbid jigu mibjugha b'subbasta, dawn jigbu biss ftit mijiet ta' Euro meta id-dejn huwa ta' oltre €30,000. Dan apparti il-fatt illi tfal minuri ser ikunu kostretti jghixu minghajr kamarthom.

Illi ghalhekk, jirrizulta bl-iktar mod car u inekwivoku illi l-oggetti indikati fil-mandat ta' qbid huma propjeta' ta' terzi u ghalhekk ma jistghu qatt jinqabdu b'mandat dirett kontra persuna li ma hijhiex is-propjetarja ta' l-oggetti maqbuda.

Illi hekk ukoll, giaadarba Guillaumer gie infurmat u mghoddi dokumentazzjoni li tikkonferma illi l-oggetti ma humhiex ta'd-debitur tieghu, kwalsiasi prosegwiment tal-proceduri huwa abbuzziv u tesponi lill-istess kreditur ghal danni.

Rat ir-risposta ta' Anthony Guillaumier (K.I 80740M) ippreżentata quddiem din il-Qorti fis-26 t'April, 2023:

1. Illi preliminarjament, l-eżekutat debitur m'għandux il-*locus standi* meħtieġ sabiex iressaq talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-mandat *de quo* a bażi tal-allegazzjoni illi l-oġġetti indikati fil-mandat *de quo* allegatament jappartjenu lil terzi;

2. Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talba tal-eżekutat debitur hija irrita u nulla stante illi mhux talli l-eżekutat debitur naqas milli jindika taħt liema artikolu tal-liġi qiegħed jagħmel it-talba tiegħu, talli addirittura mandat ta' qbid eżekuttiv ma jistax jiġi attakkat jew revokat b'sempliċi rikors fl-atti iżda permezz ta' proċedura *ad hoc*;

3. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikors huwa rritu u null in kwantu l-artikolu 276 tal- Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula li l-ebda opposizzjoni għall-eżekuzzjoni ta' mandat ma tista tiġi konsiderata sakemm tali eżekuzzjoni tkun ġiet effetwata;;

4. Illi fil-meritu, u mingħajr l-ebda preġudizzju għal fuq eċċepit, ir-rikors intavolat mill-eżekutat debitur huwa għal kollox frivolu u vessatorju u intiż biss biex jkompli jċaħħad lill-eżekutant kreditur mill-ammont dovut lilu liema ammont jammonta għas-somma ta' wieħed u għoxrin elf, mitejn u ħamsin Euro (€21,250) ) rappreżentanti in kwantu, kambjala fl-ammont ta' ħamest elef Euro (€5,000) li kellha titħallas sas-6 ta' Marzu tas-sena 2011, Kambjala fl-ammont ta' ħamest elef Euro (€5,000) li kellha titħallas sas-6 ta' Settembru tas-sena 2011, Kambjala fl-ammont ta' ħamest elef Euro (€5,000) li kellha tithallas sas-6 ta' Marzu tas-sena 2012, u kambjala fl-ammont ta' sitt elef mitejn u hamsin Euro (€6,250) li kellha tithallas sas-6 ta' Settembru tas-sena 2012, maħruġin mill-intimat debitur a favur tal-esponenti kreditur, li sal-lum għadhom ma tħallsux, bl-imgħax u spejjeż;

5. Illi in ogni każ, il-mandat ta' qbid *de quo* huwa att eżekuttiv li inħareġ a bazi ta' titolu eżekuttiv ottjenut mill-eżekutant kreditur li għadu fis-seħħ u huwa wieħed validu;

6. Illi finalment l-esponenti eżekutant jirrileva illi l-aġir tal-eżekutat debitur f'dawn l-aħħar snin huwa biss li jaħrab mill-obbligazzjonijiet tiegħu għall-ħlas tal-kreditu dovut lill-esponenti eżekutant u dan kif jirriżulta ben ċar mill-fatt illi l-ebda flejjes ma nqabdu in segwitu tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 733 / 2017 akkordat nhar nhar is-16 ta' Mejju 2017, mill-fatt illi m'għandux impjieg hawn Malta, u lanqas għandu assi oħrajn fuq ismu b'mod partikolari proprjeta' immobbli;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri kif tippermetti l-Liġi.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-partijiet;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

1. Illi b'din l-azzjoni, r-rikorrenti li huwa kolpit b'Mandat ta' Qbid Ezekuttiv 99/2022, qed jittenta jottjeni is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-istess mandat kif ukoll is-sospensjoni tas-subbasta ta' dawk l-oggetti maqbuda. Ir-raguni principali tat-talba tieghu hija msejsa fuq l-allegazzjoni li l-oggetti maqbuda ma jappartjenux lilu izda lil martu b'dan illi z-zwieg ta' bejnithom huwa regolat b'separazzjoni tal-beni ossia kuntratt li bih kienet eskluza l-komunjoni tal-akkwisti qabel iz-zwieg. Dwar l-istat allegat mir-rikorrenti, l-Qorti tqis li kienet imressqa d-debita prova konsistenti f'kuntratt pubbliku li jgib id-data tal-ewwel ta' Lulju, 2014 u ghalhekk ma hemm lok ta' aktar dibattitu f'dan ir-rigward;

2. Illi l-istharrig li r-rikorrenti jistenna li jsir minn din il-qorti wara l-prova tas-separazzjoni tal-beni hi dik li ghandha turi jekk l-oggetti maqbuda verament jappartjenux lill-martu u li ghandha in segwitu twarrabaha mill-effetti tal-mandat in kwistjoni. F'dan ir-rigward, r-rikorrenti ressaq affidavit ta' martu u diversi ricevuti mahrugin f', inkluz dawk tal-lokazzjoni tal-fond fejn joqghodu. Din l-indagini, izda, tista' tissokkta biss kemm il-darba dak li qed jipprononi r-rikorrent huwa proceduralment permess fil-vesti tieghu ta' ezekutat. L-eccezzjonijiet mressqa mill-intimat Anthony Guillaumier ghallhekk jisthoqqu li jkunu konsiderati qabel kull diskussjoni ohra dwar il-provi mressqa mir-rikorrenti;

**Fatti:**

3. B'mandat ta' Qbid Eekuttiv numru 399/2022 fl-ismijiet Anthony Guillaumier vs Ibnas Abdessamad kienu maqbuda l-oggetti ndikati fl-elenku anness mar-riferta' tal-Marixxall parti mill-atti odjerni. Wara digriet tal-Qorti tad-29 ta' Mrzu, 2022, kien ordnat li l-oggetti maqbuda ghandhom ikunu elenkati biss u jkunu elevati fi stadju ulterjuri fuq talba tal-ezekutant. Jidher li kien hemm qbil bejn il-partijiet li ma l-elevazzjoni tal-oggetti ghandha tkun posposta. Fil-mori ta' dak il-ftehim kien intavolat dan ir-rikors.

**Locus standi tar-rikorrenti**:

4. Fl-ewwel eccezzjoni tieghu, l-intimat Ezekutant, jallega n-nuqqas ta' *locus standi* tal-Ezekutat. F'dan ir-rigward huwa palezament akkolt mill-atti processwali li dan ir-rikors, li sar fl-atti ta' mandat ezekuttiv, fil-fatt ghandu l-bazi tieghu fuq il-fatt li l-oggetti maqbuda mill-Ezekutant jappartjenu lil martu meta z-zwieg taghhom huwa regolat b'separazzjoni tal-beni. Issa, ghalkemm ir-rikorrenti ghandu interess fattwali fl-oggetti maqbuda ghaliex jaghmel uzu minnhom fiz-zwieg ma' martu stante li joqghodu fl-istess dar, madankollu jibqa' l-fatt illi l-interess fil-kawza jibqa' tal-persuna li ghandha turi li jappartjenu lilha;

5. F'dan ir-rigward, il-gurisprudenza hija univoka meta titkellem fuq l-interess li l-parti ghandu jkollha biex tipproponi azzjoni bhal dik odjerna. Fis-sentenza **Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd vs Joseph Pace** (PA 456/2005 23.06.2005), per ezemplarit, kien ritenut illi:

> "L-interess guridiku biex tigi promossa tali azzjoni jappartjeni lit-terz allegat propretarju u mhux lid-debitur. Fil-fatt, f'kaz li jigi allegat li oggetti elevati mhumiex tad-debitur izda ta' terz, il-gurisprudenza trid illi:
> (i) Il-kawza issir mit-terz li qed jappega li l-oggetti elevati huma tieghu,
> (ii) Li l-kawza issir kontra l-kreditur u d-debitur, u
> (iii) Li l-kawza issir ghar-revoka tal-esekuzzjoni tal-mandat *in kwantu* gew elevati l-oggetti tat-terz.
> (Ara "Formosa vs Grech" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fit-18 ta' Mejju, 1979, "Spiteri vs Perry" deciza min din il-Qorti fl-14 ta' Novembru, 1994, u "Tolio vs Komarzynic", deciza wkoll minn din il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 1999)

6. Il-Qorti ma tarax li hemm xi raguni li timmerita kunsiderazzjoni bil-ghan li jkun hemm gudikat differenti minn din. Issa, applikat dan l-insenjament ghal-kwistjoni odjerna fejn l-mandat attakkat huwa wiehed ezekuttiv kontra r-rikorrenti wahdu u personalment f'cirkostanzi fejn l-oggetti maqbuda ma jappartjenux lilu, hija l-konkluzzjoni naturali ta' din il-Qorti li l-

kawza ma setghetx tkun promossa minnu stante karenza ta' interess guridiku;

7. Ghal din ir-raguni, filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimat u tastjeni milli tiehu konjizzoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet preliminari tieghu, tiddikjara l-kawza irrita u nulla u konsegwentement tillibera lill-intimat Anthony Guillaumier mill-osservanza tal-gudizzju;

8. L-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom jithallsu mir-rikorrenti

**Onor. Dr. Giovanni M Grixti**
**Imħallef**

**Nicole Cini**
**Deputat Reġistratur**